MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 1185/2007

Neville Spiteri u John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114)
vs
Mixer Limited, Bank of Valletta p.l.c. (C2833), Ramel u Zrar Ltd, F&A Quarries Limited u Carmelo u Carmen konjugi Magri u b'digriet tal-25 ta' Lulju 2008 intervjenew fil-kawza Joseph u Carmen konjugi Gaffarena

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

1. Illi l-kumpannija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) kienet inkarigat lir-rikorrent Neville Spiteri sabiex ghan-nom u fl-interess taghha taghmel offerta fl-atti tas-subbasta numru 15/06 fl-ismijiet Bank of Valletta p.l.c. vs Mixer Limited.

2. Illi sussegwentement b'digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Ottubru 2007 fl-atti tas-subbasta premessa l-Qorti ordnat li l-proprjeta` msemmija fl-atti u cioe`
"*Batching plant* bla numru u bla isem mibnija fuq bicca art maghrufa "Ta' San Martin" fil-kontrada ta' San Martin, limiti ta' Haz-Zebbug, Malta, u l-art ta' madwarha maghrufa bhala ta' San Martin tal-kejl superficjali komplessiv ta' 23548.99 metri kwadri bil-benefikati kollha eretti fuqha li tinsab fi triq li minn Haz-Zebbug twassal ghar-Rabat, stmata li tiswa Lm2,800"

tigi liberata a favur ta' Neville Spiteri bil-prezz ta' Lm1,450,000 (€3,377,591.43)

3. Illi fin-nota tieghu biex jikser il-kwindena r-rikorrrenti erronejament nesa li jispecifika li kien qieghed jidher fuq l-istess ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114) u ghalhekk il-liberazzjoni erronejament saret f'ismu meta fil-fatt kellha ssir f'ismu ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija rikorrenti;

4. Illi inoltre b'cedola fl-ismijiet Bank of Valletta Limited vs Mixer Limited, u bin-numru 1355/07 ir-rikorrenti ghaddew biex jiddepozitaw l-ammont in kwistjoni, u cioe` l-prezz tal-liberazzjoni ta' l-immobbli, fil-forma ta' garanzija bankarja ta' Bank f'Malta indirizzata lir-Registratur tal-Qrati u pagabbli "*on demand*" u dan sabiex f'kaz li d-debitur jersaq biex jixtri lura l-immobbli ir-rikorrenti ma jkunx tilef imghaxijiet, li, fuq somma daqshekk kbira jkunu konsiderevoli.

5. Illi l-garanzija premessa kienet tekwivali ghal pagament billi din kienet pagabbli "*on demand*" minghajr kundizzjoni, fuq talba semplici tar-Registratur tal-Qrati u ghalhekk hija ekwivalenti ghal "*bank draft*" jew *cheque* bankarju, haga li, kif ser jigi ippruvat, ir-Registratur jaccettaw konswetudinalment.

6. Illi permezz ta' rikorsi tal-25 ta' Novembru [*recte* 25 ta' Ottubru] 2007 ir-rikorrenti talbu (1) il-

korrezzjoni ta’ l-atti kollha tas-subbasta fis-sens li l-isem ta’ Neville Spiteri ghandha tigi sostitwita bl-isem ta’ “Neville Spiteri personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114), (2) Awtorizzazzjoni lir-rikorrenti sabiex jiddepozita garanzija bankarja ta’ Bank f’Malta indirizzata lir-Registratur tal-Qrati u pagabbli "*on demand*" u (3) fin-nuqqas li jintlaqghu (1) u/jew (2), estensjoni tat-terminu ghall-hlas.

7. Illi dawn ir-rikorsi gew michuda b'digriet moghti *in camera* nhar it-tmienja ta’ Novembru 2007 u dan billi l-Prim’Awla tal-Qorti Civili irriferiet ghall-artikolu 320 tal-Kodici ta’ Procedura u Organizzazzjoni Civili fejn jinghad li l-ligi ma tammettix offerta "*pro persona nominanda*" u ghaliex sabet li depozitu ta’ garanzija mhux ekwivalenti ghall-prezz.

8. Illi d-decizjoni premessa fil-paragrafu 7 ta’ dan ir-rikors kienet, bir-rispett kollu, skorretta, fost l-ohrajn ghaliex din ma kenitx offerta *pro persona nominanda* u ghalhekk l-artikolu 320 ma kienx applikabbli u ghaliex effettivament id-depozitu kien jilhaq ir-rekwiziti kollha ghal hlas effettiv.

9. Illi r-rikonenti hassew ruhhom aggravata mid-decizjoni premessa u qeghdin jagixxu biex jimpunjawha.

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. Thassar u tirrevoka d-digriet kamerali tat-8 ta’ Novembru 2007.

2. Tordna l-korrezzjoni ta’ l-atti kollha tas-subbasta fis-sens li l-isem ta’ Neville Spiteri ghandha tigi sostitwita bl-isem ta’ “Neville Spiteri personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpannija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114).

3. Tawtorizza lir-rikorrent sabiex jiddepozita garanzija bankarja ta’ Bank f’Malta indirizzata lir-

Registratur tal-Qrati u pagabbli "*on demand*" jew, fin-nuqqas, tistabbilixxi terminu entro liema jsir il-hlas.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokument prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta tal-bank intimat li biha espona:

1. Illi, l-ewwelnett u qabel kollox it-talba ta' l-attrici hija konfuza *stante* li l-atturi fil-premessi jirrilevaw illi l-bejgh kellu jigi liberat favur is-socjeta` John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited mentri fit-tieni talba attrici l-korrezzjoni li qed tintalab hija fis-sens illi l-liberazzjoni kellha ssir kemm favur l-attur Neville Spiteri kif ukoll f'isem is-socjeta` attrici John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited u ghalhekk ir-rikors guramentat huwa null u irritu.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ir-rimedju mitlub mill-atturi fis-sens li qed jitolbu korrezzjoni ta' l-att tal-liberazzjoni tas-subbasta mill-isem ta' Neville Spiteri *proprio* ghal fuq l-isem ta' Neville Spiteri u s-socjeta` John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited huwa rimedju li m'huwiex permess mil-Ligi u jipprova jilhaq l-ghan ta' dak li huwa espressament proskritt mill-artikolu 320 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet u ghalhekk huwa legalment inammissibbli.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ir-rimedju mitlub m'huwiex ammess mil-Ligi *stante* li l-Ligi trid illi x-xerrej f'kaz ta' bejgh ta' immobbli jew jeddijiet mghaqqda ma' immobbli jiddepozita l-prezz fi zmien sebat (7) ijiem minn dak inhar tal-liberazzjoni finali u mhux garanzija kif qed jintentaw l-atturi.

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-garanzija pprezentata fl-atti moghtija mis-socjeta` FIMBANK p.l.c. hija garanzija b'diversi limitazzjonijiet, bhal ad ezempju limitazzjoni imposta li tali garanzija hija

biss valida sas-26 ta’ April 2008 u m’hemm xejn provdut ghall-estenzjonijiet li jigu necessitati.

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-garanzija minnha nnifisha hija guridikament irrita u inammissibbli *stante* li kif formulata bil-kundizzjoni “*which may be due*” meta huwa car li s-somma relattiva hija gia *due*.

6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-garanzija hija mahruga unikament favur wahda mill-atturi “John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited” mentri t-talbiet attrici huma fis-sens illi l-liberazzjoni ghandha ssir kemm favur l-attur Neville Spiteri kif ukoll favur is-socjeta` John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited.

7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, m’hemm xejn irritwali jew anti guridiku fid-digriet tat-8 ta’ Novembru 2007, u l-imsemmi digriet ghandu pjena validita` skond il-Ligi.

8. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju dwar il-fatti kif fuq esposti l-Bank of Valletta jikkontesta l-ewwel, it-tielet, ir-raba’, il-hames, is-sitta, is-seba’, u t-tmien premessa tar-rikors guramentat u tiddikjara li hija taqbel biss ma’ dak kontenut fit-tieni premessa.

9. Illi, l-Bank of Valletta jaf bil-fatti fuq imsemmija di xjenza proprja.

Rat il-lista tax-xhieda prezentati mill-Bank intimat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**
Rat illi fil-25 ta' Lulju, 2008, fuq talba ta' Joseph u Carmel konjugi Gaffarena biex jintervjenu fir-rikors a tenur ta' l-artikolu 960 tal-Kap 12, il-Qorti laqghet it-talba.

Rat li fil-15 ta' Ottubru, 2008 Dr. Refalo talab li jigu allegati l-atti tas-subbasta, liema talba giet milqugha.
Illi ghalkemm saru diversi seduti mill-Assistent Gudizzjarju, ma gew prodotti ebda provi ohra.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***D1. Fatti tal-kaz:***
Fir-rikors guramentat tat-13 ta' Novembru 2007 ir-rikorrenti talbu t-thassir u revoka tad-digriet kamerali ta' din il-Qorti diversament presjeduta tat-8 ta' Novembru 2007 fl-atti tas-*sub hasta* numru 15/2006 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Mixer Limited** li bih dik il-Qorti:
(i) cahdet it-talba tar-rikorrenti ghall-korrezzjoni fl-isem tal-persuna li favur taghha kellha ssir il-liberazzjoni tal-proprjeta` in kwistjoni;
(ii) iddikjarat illi l-garanzija bankarja depozitata mir-rikorrenti permezz ta' cedola 1355/2007 ma kenitx ekwivalenti ghal depozitu ta' prezz kif trid il-ligi; u
(iii) ma qesitx it-talba tar-rikorrenti ghal estensjoni tat-terminu ghall-hlas.

Inotre r-rikorrenti talbu wkoll li jigu korretti l-atti kollha tas-*sub hasta* numru 15/2006 fis-sens li l-isem "Neville Spiteri" jigi sostitwit bl-isem "Neville Spiteri ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114)".

Finalment ir-rikorrenti talbu awtorizzazzjoni biex tigi depozitata fl-atti tal-imsemmija *sub hasta* numru 15/2006 garanzija bankarja indirizzata lir-Registratur tal-Qrati u pagabbli "*on demand"* jew, fin-nuqqas, jigi stabbilit terminu *entro* liema ghandu jsir il-hlas.

***D2. Offerti pro persona nominanda:***
L-artikolu 320 tal-Kap 12 jghid:

"**320.** L-irkantatur ghandu jiehu hsieb li ebda offerta ma tigi accettata li ssir jew *pro persona nominanda* inkella minn persuni li huma notorjament inkapaci li jwettqu l-obbligi mnissla mill-aggudikazzjoni."

Fid-digriet tat-8 ta' Novembru, 2007 il-Qorti diversament presjeduta kienet qieset li dak li sar kien jammonta ghal offerta *pro persona nominanda* u ghalhekk ghal offerta inammissibbli a tenur ta' l-Artikolu 320 tal-Kap 12. Kien ghalhekk li l-Qorti ma awtorizzatx il-korrezzjoni fl-isem - minn Neville Spiteri f'ismu personali ghal Neville Spiteri ghan-nom tal-kumpanija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited.

Minhabba f'hekk, ir-rikorrenti fin-nota taghhom a fol 59 sostnew:
"Dan ghaliex l-Artikolu 320 japplika biss fil-kaz ta' meta persuna taghmel offerta meta fir-realta` jkun intiz li dik l-offerta ssir minn persuna ohra. Issa fi-kaz odjern Neville Spiteri qatt ma kellu l-intenzjoni li jaghmel offerti f'ismu personali biex jahbi ghal min verament kien qieghed jaghmel l-offerta. Tant hu hekk illi c-cedola ta' depozitu saret direttament mis-socjeta` John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited u mhux minn Neville Spiteri. Dan mhux kaz ta' xiri b'mandat *presta nome* kif wara kollox lanqas ma ngabet xi prova min-naha ta' l-intimati li dan seta' kien il-kaz. Inoltre, wiehed irid jikkunsidra li f'kaz meta hija kumpanija li qeghda taghmel l-offerta l-kumpanija bilfors trid tkun fizikament rapprezentata minn xi hadd ghaliex ghalkemm ghandha personalita` guridika distinta ma tistax fizikament tirrapprezenta lilha nfisha u ghalhekk ma jaghmilx sens li jinghad li meta persuna taghmel offerta ghan-nom ta' kumpanija dan jammonta ghal offerta *pro persona nominanda* ghaliex kieku l-ebda kumpanija ma tkun tista' tippartecipa f'sub hasta - haga li hija assolutament assurda! Inoltre, il-fatt li Neville Spiteri ghamel l-offerta in kwistjoni ghan-nom tas-socjeta` John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited jirrizulta b'mod mill-aktar car mill-estratt tal-minuti ta' l-istess kumpanija li fis-26 ta' Gunju 2006 awtoizzat lil Neville Spiteri jaghmel offerti ghall-proprjeta` in kwistjoni ghan-nom u in

rapprezentanza ta’ l-istess kumpanija (ara Dokument ‘A’ hawn anness li kopja tieghu diga` giet esebita in atti). Ghalhekk ma kien hemm ebda offerta *pro persona nominanda* fil-kaz odjern.”

Min-naha l-ohra, il-konjugi Gaffarena sostnew li dak li sar kienet offerta *pro persona nominanda* li fil-fehma taghhom il-fatti tal-kaz jinkwadraw f’din in-nomenklatura u li ghalhekk mhix permessa. L-intervenut fil-kawza sostna li huwa kreditur tas-socjeta` Mixer Limited li hija l-proprjetarja ta’ l-art mertu tas-subbasta u li hu ghandu interess kbir li din il-vertenza tigi deciza. Jekk l-ammont ma jigix depozitat mir-rikorrent Neville Spiteri personalment, xort’ohra ma jaghmilx tant differenza *stante* li l-uniku interess ta’ Gaffarena huwa prorpju li jithallas dak li hu dovut lilu.

Il-Bank of Valletta sostna li kieku fuq is-semplici stqarrija tal-liberatarju li huwa kien “ha zball” huwa jista’ jitlob is-sostituzzjoni tal-persuna li f’isimha jkun liberat il-fond dan jiftah bieb berah ghal trasferimenti ta’ immobbili u negozju fuq l-istess immobbli bejn il-liberatarju li deher fis-subbasta u persuna gdida li tidhol *in scena* wara l-istess liberazzjoni. Irrefera ghall-artikolu 320 tal-Kapitolu 12 intiz biex irazzan il-potenzjalita` ta’ tali trasferimenti.

Ikkunsidrat illi l-kuncett tal-*pro persona nominanda* ghandu konnotati differenti minn dak tal-kaz odjern. Hawnhekk in ezami hawn il-fatt li r-rikorrent Neville Spiteri sostna li kien inkarigat mill-kumpanija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited sabiex a nom u fl-interess taghha jaghmel offerta fis-subasta 15/06. Hu insista li nesa jipsecifika dan il-fattur. Dan, jekk wiehed jemmnu, mhux il-kaz ta’ *pro persona nominanda*, ghax il-*pro persona nominanda* tassumi li tinnomina persuna ohra fi stadju ulterjuri. Jista’ wiehed jasal ghall-konkluzjoni li ma jemminx lir-rikorrent, jekk jidhirlu li ghandu jaghmel hekk, izda min-naha l-ohra din ma tinkwadrax taht l-artikolu 320 tal-Kap 12. Huwa facli li wiehed jimmagina li dina saret bi skop specifiku, izda dan il-fatt ma giex ippruvat, l-offerta ma saritx *pro persona*

*nominanda* u ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha tilqa' t-talba tar-rikorrenti.

***<u>D3. Cedola ta' depozitu ta' garanzija bankarja:</u>***

L-Artikolu 328 tal-Kap. 12 jghid hekk:

"**328.** Ix-xerrej, f'kaz ta' bejgh ta' immobbli, jew ta' jeddijiet imghaqqdin ma' immobbli, jew ta' bastimenti, jew ta' azjendi kummercjali, ghandu jiddepozita l-prezz fi zmien sebat ijiem minn dak in-nhar tal-liberazzjoni finali; u, fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mil-liberazzjoni, fil-kaz ta' hwejjeg mobbli ohra."

Ir-rikorrenti jsostnu li dan l-artikolu mkien ma jistipula l-metodu li bih ghandu jithallas dak il-prezz, u li meta s-socjeta` rikorrenti iddepozitat ic-cedola bil-garanzija bankarja annessa maghha ma kien hemm ebda ostakolu sabiex il-Bank garanti (FIMBank p.l.c.) ihallas is-somma shiha ghal-liberazzjoni definittiva tal-proprjeta` in kwistjoni. Ma kien hemm ebda ostakolu sabiex tissarraf definittivament dik il-garanzija. Isostnu li l-garanzija kienet tirrapprezenta depozitu ta' ammont li seta` jigi zbankat mir-Registratur tal-Qrati b'mod definittiv. Semmew ukoll li b'hekk ir-rikorrenti ma setghetx titlef l-imghaxijiet sakemm id-depozitu jigi zbankat mill-kredituri.

Min-naha l-ohra, il-konjugi Gaffarena sostnew li dak li sar wara l-offerta ma kienx depozitu kif rikjest mil-ligi ghax kellhom jigu depozitati flus.

Dwar dan l-aspett il-Bank of Valletta sostna li dak li sar mhux permess mil-Ligi ghax l-artikolu 328 tal-Kap. 12 jistipula li x-xerrej ghandu jiddepozita l-prezz fi zmien sebat ijiem minn dakinhar tal-liberazzjoni finali, u fuq din il-bazi gie sottomess li mkien ma l-Ligi tippermetti lix-xerrej li jiddepozita garanzija bankarja minflok il-prezz. Gie sottomess li mill-atti tas-subbasta numru 15/06 fl-ismijiet **Bank of Valletta p.l.c. vs Mixer Limited** jista' jkun hemm diversi konkorrenti fuq l-eventwali depozitu tal-prezz u li ghalhekk mhx fl-interess tal-kredituri li tinghata garanzija bankarja flok ma jigi depozitat il-prezz offert.

Jinghad li fi zmien illi saret il-garanzija dina kienet valida ghalkemm naturalment il-Qorti kellha dritt li timponi terminu qasir biex jigu depozitati flus jekk dehrilha li ghandha taghmel dan, specjalment in vista ta' dak li ser jissemma hawn taht dwar l-estensjoni ta' terminu ghall-hlas, izda llum il-gurnata l-validita` ta' l-imsemmija garanzija hija *ormai* sorpassata u l-Qorti trid tiehu l-passi opportuni dwarha.

***D4. Estensjoni ta' terminu ghall-hlas:***

Ir-rikorrenti ikkwotaw diversi sentenzi ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell li jistabilixxu li d-depozitu tardiv tal-prezz bl-ebda mod ma jaffettwa l-validita` tal-proceduri tas-*sub hasta* u tal-liberazzjoni favur id-depozitant - ara **Anthony Bezzina *et* vs Martin Grima *et*** (13 ta' Marzu 2001, Citazzjoni numru 2139/95); **Salvino Busuttil *et* vs Agostino Baldacchino** (28 ta' Jannar, 1998).

Ir-rikorrenti sostnew li huma ma mxewx *in mala fede* u li ghandhom id-dritt li jakkwistaw il-proprjeta` li ghaliha ghamlu l-oghla offerta fil-procedura tas-subbasta.

Il-Bank of Valletta irrileva li f'dan il-kaz ir-rikorrenti qed jippruvaw jistriehu fuq garanzija li ilha li skadiet mis-27 ta' April, 2008. Ukoll, il-garanzija prezentata fl-atti, moghtija mis-socjeta` FIMBank p.l.c. hija garanzija b'diversi limitazzjonijiet bhal ad ezempju l-limitazzjoni imposta li tali garanzija hija biss valida sas-26 ta' April 2008 u ma hemm xejn provdut fl-istess ghall-estensjonijiet li jigu necessitati.

***D5. Talba differenti fit-talbiet minn dak sostnut fil-premessi:***

Il-Bank of Valletta fl-ewwel eccezzjoni tieghu sostna li t-talba attrici hija konfuza *stante* li l-atturi fil-premessi jirrilevaw illi l-bejgh kellu jigi liberat favur is-socjeta` John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited mentri fit-tieni talba attrici l-korrezzjoni li qed tintalab hija fis-sens illi l-liberazzjoni kellha ssir kemm favur l-attur Neville Spiteri kif ukoll f'isem is-socjeta` attrici John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited u ghalhekk ir-rikors guramentat huwa

null u irritu. Principju stabbilit illum il-gurnata huwa li l-att promotur ghandu jigi kemm jista’ jkun salvat sakemm il-konvenut jista’ jkun jaf, mill-mod kif ikun gie redatt, il-portata ta’ dak li l-attur qed jiltob lill-Qorti (Ara **Aquilina vs Aquilina**, Appell, 21/03/1988; u **Vella vs Conti**, Appell Kummercjali, 28/04/1978).

Izda, il-Bank issottometta li l-ordinament guridiku nostrali ma wasalx fl-istat fejn kull ma jinghad fir-rikors promotur anke jekk konfuzjoni huwa validu fil-ligi (Qorti ta’ l-Appell fil-kawza deciza fit-22 ta’ Mejju 1967 fl-ismijiet **Emma Scicluna vs Mary Xuereb *et***). Infatti f’din l-ahhar sentenza kien inghad li ta’ l-anqas jirrizulta rapport ta’ rabta ragonevoli bejn il-premessi u t-talba nnifisha. Il-Bank intimat sostna li dak li nghad fir-Rikors Guramentat u l-premessi jsostnu haga wahda mentri t-talbiet attrici jitolbu haga diversa, u dan minhabba li fil-premessi r-rikorrenti li huwa l-attur Neville Spiteri meta offra fis-subbasta ma kienx qed joffri f’ismu proprju imma ghan-nom ta’ John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited waqt li fit-talbiet inghad li l-kliem irid jigi sostitwit ‘Neville Spiteri personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited’. Dan dahhal l-element fit-talbiet taz-zewg atturi konguntement. Kien ghalhekk li l-Bank intimat sostna li hemm nuqqas ta’ kjarezza, u anqas intalbet korrezzjoni b’mod li l-intimati ghadhom ma jafux jekk ir-rikorrenti humiex qed isostnu li kienet is-socjeta` rikorrenti wahedha li offriet ghall-immobbli in sub hasta jew li kienu addirittura z-zewg rikorrenti konguntement li ghamlu tali offerti.

L-element imsemmi mill-bank huwa certament bazat fuq kuncetti logici, izda l-Qorti tista’ tifhem ghaliex ir-rikors gie intavolat b’dan il-mod, u dana bl-iskop li wiehed ma jkunx jista’ jeskludi xi wiehed mir-rikorrenti b’dan li jwassal li t-talba tigi michuda.

***<u>D6. Prezz u flus:</u>***

Il-Kap 12 diversi drabi juza t-terminologija “prezz” u “flus”, u fuq tfittxija tal-Qorti l-kelma flus tidher ghall-anqas 28 darba waqt li l-kelma prezz tidher ghall-anqas 27 darba, u

fl-artikolu 356 jidhru t-tnejn li huma. Jidher li meta l-Ligi riedet issemmi flus kontanti semmiethom specifikament bit-terminologija “flus”, waqt li kultant il-kelma “prezz” giet uzata b’mod aktar legger.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet, tilqa’ t-talba tar-rikorrenti b’dan li tipprovdi li thassar u tirrevoka d-digriet kamerali tat-8 ta’ Novembru, 2007.

Tordna l-korrezzjoni ta’ l-atti kolha tas-subasta fis-sens ta’ l-isem ta’ Neville Spiteri jigi sostitwit b’isem Neville Spiteri personalment u ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija John Dalli and Associates (Business Management Services) Limited (C5114).

Tordna lir-rikorrent biex fi zmien hmistax-il gurnata jiddepozita fir-Registru tal-Qorti flus kontanti s-somma msemmija ta’ €3,377,591.43, b’dan li jekk jghaddi t-terminu provvdut inutilment li ghal ebda raguni mhu ser jigi estiz, il-Qorti tqis l-offerta bhala li tkun skadiet u waqghet ghal kull effett u fini tal-ligi.

Minhabba n-natura tal-kaz, spejjez ghar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------